**Lilek għażiża Julia**

Mal-ewwel sigħat tal-għodwa
Ittajjart lejn is-sema,
Ħallejtna nibkuk f'did-dinja
'Mma ġrajjietek tissemma.

Għalkemm tifla kont qalbiena
U taffronta kull sfida,
Minn xejn ma kont tibża' oħtna
B'qalbek safja w nadifa.

Il-Mulej żejnek bil-għaqal
Ukoll bir-riflessjoni,
U ta' tifla tant matura
Il-ħajja rajtha lezzjoni.

Minnha tgħallimt bil-bosta
Li ż-żmien t'issa hu rigal,
B'għaqal kabbart it-talenti
Farraġt 'il qalb li titqal.

L-eżempju li ħallejtilna
Li nissieltu fit-tiġrib,
Ikellimna, jieħu ħsiebna
Jgħinna lkoll nerfgħu s-salib.

Imħabbtek kbira għall-ħajja
Hi ta ħeġġa għal kulħadd,
Li m'għandna qatt naqtgħu qalbna
Fl-inkwiet, fix-xita w 'r-ragħad.

'Mma nibqgħu nagħmlu ħilitna
Sakemm naslu ħdejn Ġesù,
Fejn hemm int qed tistenniena
Talbek jgħinna fil-virtù.

Grazzi tal-preżenza tiegħek
F'qalbna tibqa' tul is-snin,
Itlob għalina mis-sema
Biex insebbħuk mal-ħenjin.

Patri Mario Attard OFM Cap
8 ta' Marzu 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.